



Brussell, 11 ta' Diċembru 2020  
(OR. en)

13478/20

CSDP/PSDC 597  
CFSP/PESC 1051  
COAFR 347  
RELEX 945  
EUTM MALI 25  
PSC DEC 45  
CONUN 219

### ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE tal-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati tal-Mali (EUTM Mali) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2020/603 (EUTM Mali/2/2020)

**DEĊIJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ  
(PESK) 2020/...**

**ta' ... 2020**

**dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE  
tal-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ  
tal-Forzi Armati tal-Mali (EUTM Mali)  
u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2020/603 (EUTM Mali/2/2020)**

**IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,**

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/34/PESK tas-17 ta' Jannar 2013 dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati tal-Mali (EUTM Mali)<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tagħha,

---

<sup>1</sup> ĠU L 14, 18.1.2013, p. 19.

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni 2013/34/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal- EUTM Mali, inkluż deċiżjonijiet dwar il-ħatra ta' Kmandanti sussegwenti tal-Forza tal- Missjoni tal-UE.
- (2) Fis-16 ta' April 2020, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/603<sup>1</sup> li taħtar lill- Brigadier Ġeneral František RIDZÁK bħala l-Kmandant tal- Forza tal-Missjoni tal-UE EUTM Mali.
- (3) Fil-25 ta' Settembru 2020, Spanja pproponiet il-ħatra tal-Brigadier Ġeneral Fernando Luis GRACIA HERREIZ biex jissuċċedi lill-Brigadier Ġeneral František RIDZÁK bħala l- Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE tal-EUTM Mali mit-12 ta' Jannar 2021.
- (4) Fit-23 ta' Novembru 2020, il-Kumitat Militari tal-UE appoġġa dik il-proposta.
- (5) Għaldaqstant jenħtieġ li tittieħed deċiżjoni dwar il-ħatra tal-Brigadier Ġeneral Fernando Luis GRACIA HERREIZ bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE tal-EUTM Mali mit-12 ta' Jannar 2021.

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2020/603 tas-16 ta' April 2020 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE tal-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati tal-Mali (EUTM Mali) u li tkom iż-żgħid id-Deċiżjoni (PESK) 2019/2096 (EUTM Mali/1/2020 ) (ĠU L 139, 16.4.2020, p. 65).

- (6) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2020/603 titħassar.
- (7) F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tiħux sehem fl-elaborazzjoni u fl-implementazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li għandhom implikazzjonijiet ta' difiża. Konsegwentement, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u la hija marbuta biha u lanqas ma hija soġġetta għall- applikazzjoni tagħha,

**ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:**

*Artikolu 1*

Il-Brigadier General Fernando Luis GRACIA HERREIZ huwa b'dan maħtur bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE tal-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati tal-Mali (EUTM Mali) mit-12 ta' Jannar 2021.

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni (PESK) 2020/603 hija b'dan imħassra.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-12 ta' Jannar 2021.

Magħmul fi Brussell, ...

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*